



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0410/2023**

2.10.2023

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-rendikont tal-progress tal-Moldova fit-triq lejn l-UE  
(2023/2838(RSP))

**Viola von Cramon-Taubadel, Markéta Gregorová, Ignazio Corrao, Jakop G. Dalunde, Alice Kuhnke, Pär Holmgren, Malte Gallée, Francisco Guerreiro, Bronis Ropé, Nicolae Štefănuță, Tineke Strik**  
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rendikont tal-progress tal-Moldova fit-triq lejn l-UE  
(2023/2838(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Moldova,
  - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2022 li tagħti status ta' kandidat tal-UE lir-Repubblika tal-Moldova,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħħa l-oħra (AA)<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni aġġornata bejn l-UE u r-Repubblika tal-Moldova għall-2021-2027 tat-22 ta' Awwissu 2022,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Marzu 2023 dwar il-fatt li l-UE se tkompli tipprovd i-l-appoġġ rilevanti kollu lir-Repubblika tal-Moldova,
  - wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni Prijoritarju UE-Moldova li ntlaħaq qbil fuqu f'Ġunju 2023,
  - wara li kkunsidra l-Pakkett ta' Appoġġ għar-Repubblika tal-Moldova ppreżentat mill-Kummissjoni fit-28 ta' Ġunju 2023,
  - wara li kkunsidra l-aġġornament *interim* verbali tal-Kummissjoni dwar it-tkabbir, ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2023,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fit-23 ta' Ġunju 2022 il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jagħti l-istatus ta' kandidat tal-UE lir-Repubblika tal-Moldova, bil-fehim li l-Moldova għandha timplimenta disa' passi, inklużi riforma tas-settur tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u miżuri ta' deoligarkizzazzjoni;
- B. billi fit-28 ta' Ġunju 2023 il-Kummissjoni ppreżentat Pakkett ta' Appoġġ għar-Repubblika tal-Moldova, li jindirizza l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għandu l-għan li jqarreb lill-Moldova lejn l-UE;
- C. billi l-Pjan ta' Azzjoni Prijoritarju UE-Moldova ntlaħaq qbil fuqu wkoll f'Ġunju 2023 u se jiffunzjona bħala pjani direzzjonali għall-implementazzjoni sħiħa taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA) bejn l-UE u l-Moldova u l-integrazzjoni ulterjuri tal-Moldova fis-suq uniku tal-UE, bi prioritajiet li ntlaħaq qbil

---

<sup>1</sup> ĠU L 260, 30.8.2014, p. 4.

konġunt fuqhom għall-2023-2024;

- D. billi l-aġġornament *interim* verbali tal-Kummissjoni dwar it-tkabbir, ippreżentat lill-Istati Membri fl-aħħar ta' Ġunju 2023, irrikonoxxa l-progress li għamlet il-Moldova u qies li din implimentat bis-sħiħ tlieta minn disa' kundizzjonijiet;
  - E. billi l-Kummissjoni se tippreżenta valutazzjoni tal-proċess ta' riforma tal-pajjiż fil-pakkett tat-tkabbir tal-UE sal-bidu ta' Novembru 2023;
  - F. billi l-Federazzjoni Russa qed tkompli bl-isforzi tagħha biex tiddestabilizza lill-Moldova f'tentattiv biex tfixkilha mill-perkors demokratiku Ewropew tagħha; billi l-Moldova, l-Ukrajna u l-Istati Uniti kkonfermaw li l-intelligence żvelat l-isforzi Russi ta' destabilizzazzjoni li għaddejjin bħalissa fil-Moldova bl-għan aħħari li l-gvern attwali jiġi sostitwit b'altermattiva pro-Russa, inkluż billi jorkestraw protesti kontra l-gvern u jħallsu n-nies biex jieħdu sehem fihom;
  - G. billi l-Federazzjoni Russa qed tkompli tuża l-gass u riżorsi oħra bħala mezz ta' destabilizzazzjoni u rikatt politiku u għamlet talbiet dubjużi kkontestati mill-Gvern tal-Moldova;
  - H. billi l-Moldova ilha minn Ġunju 2023 tospita madwar 110 000 rifuġjat Ukreñ (li jirrappreżentaw aktar minn 4,5 % tal-popolazzjoni totali tal-pajjiż); billi l-Moldova bħalissa qed tospita aktar rifuġjati Ukreñi *per capita* minn kwalunkwe pajjiż ieħor;
1. Ifaħħar l-isforzi tal-Gvern tal-Moldova biex jimplimenta r-riformi meħtieġa kif stabbilit fid-disa' passi tad-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-2022, kif ukoll ir-riformi ulterjuri meħtieġa fit-triq lejn l-adeżjoni mal-UE;
  2. Jilqa' wkoll l-implimentazzjoni tal-AA/DCFTA usa', inkluż dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem; jinsab sodisfatt bil-preżentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Prioritarju UE-Moldova f' Ġunju 2023, li se jiffunzjona bħala pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni sħiħa tad-DCFTA u l-integrazzjoni ulterjuri tal-Moldova fis-suq uniku tal-UE, bi prioritajiet li ntlaħaq qbil konġunt fuqhom għall-2023-2024;
  3. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinkorpora r-roaming fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Moldova, li jippermetti lill-viżitaturi Moldovani fl-UE jużaw il-mowbajls tagħhom bl-istess kundizzjonijiet ta' prezz bħal f'pajjiżhom, filwaqt li l-vjaġġaturi mill-UE se jibbenifikaw mill-istess drittijiet meta jżur l-Moldova;
  4. Jilqa' l-fatt li l-Kunsill Ewropew ippubblika pakkett ta' appoġġ għall-Moldova f' Ġunju 2023, li hija inkarigata minnu l-Kummissjoni; jilqa' l-appoġġ baġitarju dirett ipprovdu lill-Moldova, il-liberalizzazzjoni tat-trasport bit-triq u l-liberalizzazzjoni temporanja tal-kummerċ mal-UE għal seba' prodotti agrikoli sa' Ġunju 2024;
  5. Jistenna b'interess il-publikazzjoni tal-pakkett tat-tkabbir tal-UE sal-bidu ta' Novembru; jistieden lill-Istati Membri jiġi r-rieda politika biex jagħtu spinta ġdidha lill-proċess ta' tkabbir, f'konformità mal-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u bħala l-bidu ta' proċess ibbażat fuq il-mertu, u jwettqu l-wegħdiet tagħhom permezz ta' passi pożittivi konkreti fil-proċessi ta' adeżjoni tal-pajjiżi li qed ifittxu li jissieħbu fl-Unjoni u li jistħoqqilhom li jkunu parti mill-familja Ewropea;

6. Jilqa' l-fatt li, skont l-aġġornament verbali tal-Kummissjoni, ir-rekwiżiti li jikkonċernaw ir-riforma tal-ġudikatura, l-involviment tas-soċjetà ċivili u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huma meqjusin bħala ssodisfati;
7. Iħeġġeġ lill-Moldova tintensifika l-progress tagħha fl-implementazzjoni tal-passi l-oħra, billi tikkonċentra fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kif ukoll fuq ir-riformi tal-amministrazzjoni pubblika;
8. Jistieden lill-Gvern tal-Moldova biex lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili jistedinhom ikunu wkoll parti mill-35 grupp ta' ħidma responsablli għan-negozjar tal-kapitoli tal-adeżjoni mal-UE u biex jintensifika l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili ħalli jgħin lill-pajjiż jippejja 'l quddiem fit-triq lejn l-UE;
9. Jifraħ lill-Moldova talli organizzat b'suċċess is-Summit tal-Komunità Politika Ewropea ta' Ġunju 2023;
10. Jistieden lill-Kummissjoni takkomoda b'mod adegwat il-ħtiġijiet ta' appoġġ li jirriżultaw mill-istatus il-ġdid ta' kandidat tal-Moldova, inkluż billi tistabbilixxi direttorat apposta fid-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir u tiżgura li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet fid-Delegazzjoni tal-UE f'Chişinău; jitlob li l-Moldova tiġi inkluża bħala benefiċjarju tal-istumenti finanzjarji ta' qabel l-adeżjoni tal-UE mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-bidu taċ-ċiklu finanzjarju pluriennali tal-UE li jmiss; jesprimi appoġġ għat-Trasferiment tar-riżervi baġitarji mhux użati mill-programmi tal-Instrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali għall-Moldova;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tippremja l-progress sostenibbli b'introduzzjoni gradwali usa' tal-Moldova u tal-pajjiżi kandidati l-oħrajin fil-politiki u l-inizjattivi rispettivi tal-UE, sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji tal-adeżjoni matul il-proċess u mhux biss meta dan jittlesta;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tespandi l-opportunitajiet għall-Moldova biex tipparteċipa fil-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-UE u tosservaha, kif ukoll ittejjeb id-djalogu politiku strutturat, inkluż id-djalogu fil-marġni tal-Kunsill Ewropew;
13. Ifaħħar lill-Moldova talli kompliet tospita għadd kbir ta' rifuġjati Ukreni; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiprovd assistenza umanitarja fil-Moldova biex tappoġġja lir-rifuġjati Ukreni vulnerabbi u lill-familji li jospitawhom, kif ukoll tadatta dan l-appoġġ għan-natura aktar fit-tul tal-ispostament tagħihom;
14. Jesprimi solidarjetà mal-Moldova u jtenni l-appoġġ sod tiegħu għas-sovranità tar-Repubblika tal-Moldova u għalhekk jikkundanna l-aggressjoni ibrida mill-Federazzjoni Russa u l-merċenarji tagħha li jfittxu li jiddestabilizzaw il-pajjiż u jfixkluh mill-perkors demokratiku tiegħu, kemm jekk billi jwettqu ksur tal-ispazju tal-ajru tal-Moldova, attakki ċibernetiċi u kampanji ta' diziinformazzjoni, jużaw l-enerġija bħala arma jew jorkestraw protesti;
15. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja lill-Gvern tal-Moldova, inkluż billi ssaħħa il-kapaċitajiet legali, finanzjarji u ta' awditjar tal-Moldova, sabiex jiġġieled aħjar l-allegazzjonijiet eżorbitanti min-naħħa ta' Gazprom li lhuma dovuti lilha madwar

EUR 800 miljun, ammont li huwa f'kuntrast qawwi mal-esiġenzi tal-Moldova stess; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tassisti lill-Gvern tal-Moldova biex jiddiversifika l-provvisti tal-gass fuq terminu qasir u jissostitwixxi l-fjuwils fossili b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq terminu medju u twil;

16. Jisħaq li, fuq bażi ta' kuljum, il-Moldova tiġġieled l-attakki ibridi tar-Russja, li huma maħsuba biex jiddestabilizzaw il-pajjiż; jirrikoxxi li l-Gvern tal-Moldova qed isegwi l-aġenda ta' riforma tiegħu f'żmien meta r-Russja qed tuża taħlita ta' rikatt enerġetiku, appoġġ għas-separatiżmu, sponsorizzazzjoni ta' protesti tal-massa kontra l-gvern, attakki ċibernetiċi u kampanji ta' diżinformazzjoni f'tentattiv biex iddgħajfu;
17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħinu lill-Moldova tibni r-reżiljenza tagħha għal attakki ibridi Russi potenzjali fil-futur, inkluż fl-oqsma tad-difiża, taċ-ċibersigurtà u tal-komunikazzjoni strateġika; jilqa', f'dan ir-rigward, il-miżuri ta' assistenza fl-ambitu tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-forzi armati tar-Repubblika tal-Moldova; jitlob ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri ulterjuri kontra l-indħil barrani u d-diżinformazzjoni u jappoġġjaw lill-Moldova f'dan ir-rigward;
18. Jilqa' l-istabbiliment tal-Missjoni ta' Šhubija tal-UE fil-Moldova, li tipprovd pariri strateġiċi dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza tas-settur tas-sigurtà tal-pajjiż fl-oqsma tal-ġestjoni tal-kriżijiet u t-theddid ibridu u dwar il-ġlieda kontra l-indħil barrani u l-manipulazzjoni barranija tal-informazzjoni; jitlob l-estensjoni tal-mandat tal-Missjoni ta' Assistenza fil-Frontiera bejn il-Moldova u l-Ukrajna, li se jiskadi f'Novembru 2023;
19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet monetarji internazzjonali jinvestu fl-infrastruttura tat-toroq, tal-ferroviji u tal-portijiet tal-Moldova, billi dan jista' jiffaċilita l-isforzi tal-Ukrajna biex tkisser l-imblokk navali Russu u toħloq rabtiet aktar b'saħħithom mal-bqija tal-Ewropa, filwaqt li jkun ta' benefiċċju għall-Ukrajna billi jgħin fil-ġlieda kontra l-gwerra ta' aggressjoni Russa u l-bini mill-ġdid tal-pajjiż;
20. Iwissi li l-kunflitti fit-tul huma dejjem f'riskju ta' intensifikazzjoni, kif rajna fil-Kawkasu tan-Nofsinhar; jistieden lill-atturi responsabbi jevitaw id-destabilizzazzjoni tas-sitwazzjoni fit-Transnistrija u jevitaw li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja tinfirex lejn it-territorju tal-Moldova; jistieden lill-Federazzjoni Russa tirtira bis-sħiħ u mingħajr kundizzjonijiet il-forzi u l-armamenti militari tagħha mir-reġjun tat-Transnistrija f'konformità mad-Deċiżjonijiet tas-Summit ta' Istanbul tal-1999 dwar l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa u b'rispett għas-sovranità u l-integrità territorjali tar-Repubblika tal-Moldova;
21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri kif ukoll lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Moldova.